



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 05.10.2005
KUMM(2005) 474 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

L-Implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona: Qafas ta' Politika għat-Tisħiħ ta' l-industrija tal-manifattura ta' l-UE – lejn strateġija aktar integrata għall-politika industrijali

{SEC(2005) 1215}

{SEC(2005) 1216}

{SEC(2005) 1217}

WERREJ

<u>1.</u>	<u>Il-Politika Industrijali ta' l-UE u l-Programm ta' Azzjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi.</u>	3
<u>2.</u>	<u>L-Importanza ta' l-Industrija tal-Manifattura ta' l-UE.....</u>	4
<u>3.</u>	<u>L-Evalwazzjoni tad-Diversità ta' Sfidi Politiċi minn Settur għall-ieħor</u>	6
<u>4.</u>	<u>Lejn Deskrizzjoni tal-Ħidma għall-Politika Industrijali</u>	8
<u>4.1.</u>	<u>L-Inizjattivi ta' politika intersettorjali.....</u>	8
<u>4.2.</u>	<u>L-Inizjattivi speċifiċi skond is-settur</u>	11
<u>5.</u>	<u>Konklużjoni.....</u>	13

**KOMUNIKAZZJONI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM
KOMUNITARJU TA' LIŻBONA: QAFAS TA' POLITIKA GĦAT-TISĦIĦ TA' L-
INDUSTRIJA TAL-MANIFATTURA TA' L-UE – LEJN STRATEĠIJA AKTAR
INTEGRATA GĦALL-POLITIKA INDUSTRIJALI**

1. IL-POLITIKA INDUSTRIJALI TA' L-UE U L-PROGRAMM TA' AZZJONI GĦAT-TKABBIR U L-IMPJIEGI

Fit-tfassil tal-Programm ta' Azzjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi¹, il-Kummissjoni ddikjarat l-impenn tagħha li tiffoka l-Istrateġija mġedda ta' Liżbona fuq it-tkabbir u l-impjiegi. Biex tagħmel dan, il-prijoritajiet ta' l-UE kienu ddikjarati bħala:

- Li l-Ewropa ssir post li jiġbed aktar xogħol u investiment
- Li l-għarfien u l-innovazzjoni jitpoġġew fil-qalba tat-tkabbir Ewropew
- Li l-politika tkun imfassla f' mod li tippermetti lin-negozji li jgħolqu aktar impjiegi aħjar

Din il-Kommunikazzjoni dwar il-politika industrijali kienet imħabbra fil-Programm Komunitarju ta' Liżbona² ta' Lulju 2005 u tirrappreżenta kontribuzzjoni importanti għat-twettiq ta' dawn il-miri. Is-saħħa ta' l-industrija tal-manifattura hija essenzjali għall-kapaċità ta' l-Ewropa li tikber. Waqt li bħalissa għaddejja minn bidliet importanti u qed taffaċċja sfidi kbar, għandha bżonn ta' ambjent favorevoli għan-negozju biex tkompli tiżviluppa u tikber.

Ir-rwol prinċipali tal-politika industrijali huwa li tipprovdi l-kundizzjonijiet ta' qafas ġusti għall-iżvilupp ta' l-intrapriża u l-innovazzjoni biex jagħmlu l-UE post attraenti għall-investiment industrijali u għall-ħolqien ta' l-impjiegi. Huwa ċar li huma n-negozji fis-settur privat li, primarjament, jgħolqu t-tkabbir ekonomiku, u mhux is-settur pubbliku. In-negozji għandhom ir-responsabilità li jiżviluppaw il-prodotti u l-proċeduri tagħhom u li jtejbu l-ħiliet sabiex jifitħu swieq ġodda u jsibu opportunitajiet ġodda li jirriżultaw minn żviluppi teknoloġiċi u l-internazzjonalizzazzjoni. Fl-isfruttar ta' dawn l-opportunitajiet il-ġodda, ir-responsabilità korporattiva soċjali u l-iżvilupp sostenibbli għandhom rwol importanti.

Minn perspettiva ta' politika industrijali, ir-rwol ta' l-awtoritajiet pubbliċi huwa li jieħdu azzjoni biss fejn ikun hemm bżonn, jiġifieri meta xi tipi ta' fallimenti tas-suq jiġġustifikaw l-intervenzjoni tal-gvern, jew sabiex jippromwovu tibdiliet strutturali. Dan ta' l-aħħar jista' jkollu bżonn li jkunu introdotti miżuri li jmorru miegħu biex jitnaqqsu l-ispejjeż soċjali tal-bidla strutturali, fuq il-bażi ta' djalogu kontinwu mal-partijiet interesati rilevanti kollha. Għal dawn ir-raġunijiet, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jużaw l-istrumenti ta' politika bħal regolazzjoni aħjar, suq wieħed, politika ta' riċerka u innovazzjoni; politika soċjali u dik ta' impjiegi eċċ. li ġeneralment japplikaw ma' l-ekonomija kollha mingħajr l-ebda distinzjoni

¹ "Naħdmu flimkien għat-Tkabbir ekonomiku u għall-Impjiegi: Bidu ġdid għall-Istrateġija ta' Liżbona" COM(2005) 24

² "Azzjonijiet Komuni għat-Tkabbir u l-Impjiegi: Il-Programm Komunitarju ta' Liżbona" COM(2005) 330.

bejn setturi jew kumpaniji, flimkien ma' miżuri oħra li jorbtu magħhom biex jiffaċilitaw il-koeżjoni soċjali u ekonomika.

Il-Kummissjoni tħossa marbuta li żżomm in-natura orizzontali tal-politika industrijali u li tevita r-ritorn lejn politika selettiva li tiffavorixxi l-intervenzjonijiet. Madankollu, l-iskop ta' l-istrumenti ta' politika, m'għandux jitqies biss bħala miżuri orizzontali wiesgħa ħafna. Biex il-politika industrijali tkun effettiva, il-kuntest speċifiku ta' setturi individwali jrid jiġi ikkunsidrat. L-oqsma diversi ta' politika għandhom jingħaqdu b'mod imfassal apposta fuq il-bażi tal-karatteristiċi konkreti ta' setturi u ta' l-opportunitajiet u ta' l-isfidi partikolari li jiltaqgħu magħhom. Inevitabilment, bħala konsegwenza, filwaqt li l-oqsma kollha tal-politika huma importanti, xi oqsma tal-politika għandhom aktar importanza għal xi setturi minn oħrajn fl-UE llum.

Il-Kummissjoni, għalhekk, qed iżżomm ma' l-obbligi li kellha qabel li tinkuraġixxi u tiffaċilita l-proċess ta' innovazzjoni u ta' bidla industrijali³. Madankollu hemm bżonn ta' strateġija ġdida li timmira lejn il-kisba ta' politika ddisinjata aħjar li hija aktar relevanti, integrata u konsenswali.

Il-Kommunikazzjoni dwar il-Programm ta' Azzjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi nnutat b'mod partikolari li l-politika industrijali hija bbażata fuq sħubija bejn l-istati Membri u l-UE⁴. Għandhom bżonn jiġu indirizzati sfidi varji tal-politika industrijali fil-livell Ewropew, ladarba Stati Membri individwali li jaġixxu b'mod iżolat ma jistax jirnexxihom jitrattaw kwistjonijiet bħal każijiet maġġuri ta' kompetizzjoni, ir-regolamentazzjoni tas-suq wieħed, jew il-koeżjoni soċjali u ekonomika. Madankollu, l-Istati Membri għandhom ukoll responsabilitajiet għal ħafna elementi tal-politika industrijali u dan huwa emfasizzat fil-Linji ta' Gwida għall-Programmi ta' Riforma Nazzjonali. Din il-Kommunikazzjoni tipprofondixxi u tissupplimenta l-qafas tal-politika industrijali billi tiffoka fuq l-applikazzjoni Prattika tagħha lil setturi individwali. Il-firxa u d-diversità ta' l-isfidi politiċi imposti minn setturi differenti għalhekk ġew eżaminati b'ċertu dettall, fuq il-bażi ta' analiżi sistematika ta' l-opportunitajiet u l-isfidi għal 27 settur separat ta' l-industrija tal-manifattura u tal-kostruzzjoni ta' l-UE⁵. Fuq din il-bażi, inbena programm ta' ħidma għall-politika industrijali għas-snin li ġejjin.

2. L-IMPORTANZA TA' L-INDUSTRIJA TAL-MANIFATTURA TA' L-UE

Settur tal-industrija sod u b'saħħtu huwa essenzjali biex ikun sfruttat kompletament il-potenzjal tat-tkabbir ta' l-UE u biex ittejjeb u ssostni d-dominanza ekonomika u teknoloġika ta' l-UE.

- L-industrija tal-manifattura ta' l-UE hija importanti fiha nnifisha – għax tipprovdi madwar wieħed minn kull ħamsa tal-prodott ta' l-UE u timpjega madwar 34 miljun persuna fl-UE. Barra dan:

³ Ara "Politika Industrijali f'Europa Imkabbra" COM(2002) 714 finali u "It-Trawwim ta' Bidla Industrijali: Politika Industrijali għal Europa Imkabbra" COM(2004) 274 finali.

⁴ L-Artikolu 157 tat-Trattat li Jistabilixxi l-Komunità Ewropea.

⁵ Ara d-Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff relatat SEC(2005) 1216. L-isfidi li jaffaċjaw is-setturi tas-servizzi relatati man-Negożju huma deskritti fil-Kommunikazzjoni dwar il-Kompetittività ta' Servizzi Relati man-Negożju u l-Kontribuzzjoni tagħhom għall-Eżekuzzjoni ta' l-Intrapriżi Ewropej COM(2003) 747, li kienet ħabbret ukoll Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Relatati man-Negożju.

- Il-manifattura hija ċ-ċavetta biex tkun sfruttata l-ekonomija ta' għarfien il-ġdida – aktar minn 80% ta' l-ispiża tar-Riċerka u Żvilupp fis-settur privat ta' l-UE jintefqu fil-manifattura⁶.
- Il-manifattura tiġġenera l-prodotti ġodda u innovattivi li jipprovdu madwar tliet kwarti ta' l-esportazzjonijiet ta' l-UE.
- L-industrija tal-manifattura ta' l-UE tikkonsisti minn maġġoranza kbira ta' SMEs: 'l fuq minn 99% tal-kumpaniji u 58% ta' l-impjiegi fil-qasam tal-manifattura huma SMEs.
- Il-manifattura toħloq tkabbir u impjiegi f'ekonomija aktar wiesgħa ta' l-UE: hija inter-relatata mill-qrib ma' l-industrija tas-servizzi, tipprovdi kemm domanda għas-servizzi ta' negozju, kif ukoll tissupplixxi l-prodotti ewlenin lill-industrija tas-servizzi

L-industrija tal-manifattura ta' l-UE bħalissa għaddejja minn rivoluzzjoni b'opportunitajiet u sfidi godda⁷. Qed jitfaċċaw teknoloġiji ġodda li jippermettu li prodotti ġodda jkunu introdotti malajr u li jagħtu iżjed flessibilità lil proċessi ta' produzzjoni. Fl-istess waqt, il-kumpaniji ta' l-UE huma ppreżentati b'aktar internazzjonalizzazzjoni ta' l-ekonomija dinjija mmotivata minn konnessjonijiet imtejba ta' trasport, tnaqqis fl-ispejjeż tal-kommunikazzjoni u tnaqqis fil-barrieri għall-kummerċ u l-investment, u żieda fil-kompetizzjoni. L-UE għalhekk qed issib dejjem aktar kompetizzjoni internazzjonali bħala post għal investment, produzzjoni u infiq ta' R&D.

L-industrija tal-manifattura ta' l-UE qed tirispondi għal dawn l-isfidi. Waqt li hemm differenzi fit-tkabbir tal-produttività bejn l-UE u ekonomiji oħra industrijalizzati, speċjalment l-Istati Uniti, dan kien sa ċertu punt, ir-riżultat ta' effett ta' kompożizzjoni industrijali dovut lis-sehem aktar baxx ta' setturi li jipproduċu l-ICT fl-industrija tal-manifattura ta' l-UE. Fil-fatt, il-biċċa l-kbira tas-setturi individwali tal-manifattura ta' l-UE marru tajjeb meta mqabbla mal-kontroparti tagħhom f'ekonomiji oħra industrijalizzati. Madankollu, l-istruttura industrijali ta' l-ekonomija ta' l-UE in ġenerali ma tpoġġihex fl-aħjar pożizzjoni biex taffaċja l-proċess kontinwu ta' globalizzazzjoni. Waqt li setturi tal-manifattura importanti ta' l-UE bħall-inġinerija mekkanika, il-kimiċi, u l-vetturi bil-mutur għandhom vantaġġ żvelat sostanzjali u jirreġistraw aktar dħul meta mqabbel mal-kumplement tad-dinja, in-negozju ta' l-UE għadu ikkonċentrat f'setturi b'teknoloġiji medji-għoljin u ħiliet baxxi għal intermedji⁸. Dan jesponi lill-UE għal kompetizzjoni minn produttori f'ekonomiji li għadhom ħerġin li qed jgħollu l-intensità tal-ħiliet ta' l-esportazzjonijiet tagħhom u qegħdin ilaħħqu f'termini ta' fatturi li m'għandhomx x'jaqsmu mall-prezz li kemm-il darba jiddeterminaw il-kompetittività ta' l-UE fi swieq dinjin. Għalhekk, l-addattibilità u t-tibdil strutturali, li jippermettu ċaqliq lejn sitwazzjoni aktar b'saħħitha ta' vantaġġ komparattiv, huma kritiċi għall-UE biex timmassimizza l-qligħ li jiġi mill-integrazzjoni fl-ekonomija dinjija taċ-Ċina, l-Indja u ekonomiji oħra li qed jikbru malajr.

Il-flussi ta' l-investment dirett barrani ta' l-UE lejn l-ekonomiji Ażjatiċi li qed jitfaċċaw, żdied fis-snin riċenti, madankollu s-sehem tagħhom fil-flussi kollha għadu limitat⁹. Ir-

⁶ Sorsi: Statistiċi tan-Negozju tal-Eurostat.

⁷ Ara wkoll ir-Reviżjoni Annwali Ekonomika ta' l-UE li tanalizza l-fatturi li jeffettwaw il-kompetittività ta' l-ekonomija ta' l-UE in ġenerali.

⁸ Ara s-sezzjoni VI ta' l-Indikaturi dwar il-Kompetittività Settorjali ta' l-UE ta' l-2005 DG Intrapriża u Industrija

⁹ Eurostat "Investment Barrani Dirett ta' l-UE fl-2003" Statistics in Focus, 20/2005.

rilokazzjonijiet internazzjonali ta' impjegi ta' l-UE lejn pajjiżi li jinvolvu inqas spejjeż kienu wkoll limitati f'ħafna mis-setturi tal-manifattura, għalkemm dawn jista' jkollhom konsegwenzi koroh fuq bażi settorjali lokali jew individwali, speċjalment fuq ħaddiema b'ħiliet aktar baxxi, li għandhom ikunu appoġġjati biex ilaħħqu mal-konsegwenzi tar-ristrutturar industrijali.

Hemm ukoll kompetizzjoni internazzjonali li qed tikber aktar għall-investiment u l-infiq f'R&D. Tibdil fis-swieq globali, flimkien ma' fatturi bħal riżorsi umani, il-kwalità tar-riċerka lokali u sistemi innovattivi, u l-preżenza ta' gruppi jew poli ta' eċċellenza, għandhom rwol importanti fid-deċiżjoni dwar fejn se jsir l-infiq fl-R&D. Hemm evidenza li l-UE mhijiex kompetittiva biżżejjed bħala lok għar-riċerka. L-Istati Uniti u l-Ġappun qed jattiraw iktar infiq ta' R&D internazzjonali mill-UE, waqt li qed toħroġ evidenza li pajjiżi bħaċ-Ċina u l-Indja qed isiru postijiet importanti għall-investimenti l-ġodda ta' R&D. L-Istati Uniti kellha aktar suċċess mill-UE biex tattira riċerkaturi u ħaddiema ta' ħiliet għoljin. Dawn it-tendenzi huma ta' tħassib konsiderevoli għax iwasslu għal telf ta' investiment u ta' riċerkaturi R&D mill-UE.

Għalhekk, in ġenerali, waqt li setturi individwali tal-manifattura fl-UE fis-snin riċenti marru tajjeb, għad hemm sfidi importanti fil-ġejjieni. Partikolarment, iktar adattabilità u tibdil strutturali huma essenzjali għall-promozzjoni tal-kundizzjonijiet li jassiguraw il-kompetittività tal-manifattura ta' l-UE, speċjalment fid-dawl ta' kompetizzjoni dejjem iktar qawwija miċ-Ċina u l-ekonomiji ġodda Ażjatiċi.

L-isfida għall-industrija tal-manifattura ta' l-UE u għas-setturi individwali hija li jkun kapaċi jmantnu u jkomplu jtejjbu r-rendiment tagħhom fil-futur fid-dawl ta' aktar żviluppi teknoloġiċi u internazzjonalizzazzjoni kontinwa. L-isfida għal dawk li jfasslu l-politika hija li jirrispondu b'mod ċar u koerenti billi jagħmlu titjib sostanzjali fil-kundizzjonijiet ta' qafas u fl-ambjent ġenerali li fih topera l-industrija Ewropea

3. L-EVALWAZZJONI TAD-DIVERSITÀ TA' SFIDI POLITIĊI FIS-SETTURI KOLLHA

Sabiex jibnu fuq il-punti b'saħħithom li diġà hemm fl-industrija ta' l-UE, is-servizzi tal-Kummissjoni bdew evalwazzjoni dettaljata tal-kompetittività tas-27 settur individwali ta' l-industrija tal-manifattura u dik tal-kostruzzjoni¹⁰, bis-sehem tal-partijiet ikkonċernati u l-Istati Membri. L-għan ta' l-analiżi kien li tiddetermina sa liema punt ir-rendiment tagħhom huwiex jew jistax jiġi influwenzat mill-istrumenti tal-politika industrijali. L-oqsma ta' politika magħżula għall-evalwazzjoni kienu dawk b'importanza partikolari għat-tkabbir tal-produttività settorjali u l-kompetittività internazzjonali:

- l-assigurazzjoni ta' Suq Wieħed miftuħ u kompetittiv, inkluża l-kompetizzjoni
- għarfien, bħar-riċerka, l-innovazzjoni, u l-ħiliet
- regolazzjoni aħjar
- l-assigurazzjoni ta' sinerġiji bejn il-politika tal-kompetittività, dik ta' l-enerġija u dik ta' l-ambjent

¹⁰ Ladarba d-dejta settorjali li kien hemm disponibbli dwar l-istati Membri Ġodda kienet limitata, l-evalwazzjoni għandha titqies bħala preliminarj. Id-dejta li hemm nieqsa qed tkun miġbura u analizzata bħalissa mill-Kummissjoni u se tintuża fl-inizjattivi ta' politika li għaddejjin.

- l-assigurazzjoni ta' parteċipazzjoni sħiħa u ġusta fi swieq globali
- il-faċilitazzjoni tal-koeżjoni soċjali u ekonomika

Il-proċess ta' evalwazzjoni rriżulta fl-identifikazzjoni sistematika ta' l-isfidi ta' kompetittività u politika l-aktar importanti ta' kull settur individwali kemm b'mod kwantitattiv u kif ukoll kwalitattiv kif spjegat fil-qosor fl-Anness 1¹¹.

Bħala riżultat tal-evalwazzjoni, setturi individwali nġabru f'erba' kategoriji wiesgħa: l-industriji ta' l-ikel u x-xjenzi tal-ħajja; l-industriji tal-makkinarju u s-sistemi; l-industriji tal-moda u dawk tad-disinn; u l-industriji tal-prodotti bażiċi u intermedjarji¹². Kull kategorija wiesgħa ta' l-industrija hija kkaratterizzata mill-ġabra ta' sfidi partikolari distinti tagħha.

L-industriji ta' l-ikel u x-Xjenzi tal-ħajja L-industriji ta' l-ikel u tax-xjenzi tal-ħajja (eż. ikel u xorb, farmaċewtiċi, il-bijoteknoloġija) jagħmlu għoxrin fil-mija mill-valur miżjud tal-manifattura ta' l-UE u huma kkaratterizzati minn rati ta' tkabbir medji sa għoljin. Il-grupp prinċipali ta' sfidi għal dan is-settur għandu x'jaqsam ma' għarfien u regolazzjoni aħjar. Bħala industriji innovattivi ħafna, l-isfidi ta' għarfien prinċipali huma l-R&D, il-protezzjoni ta' drittijiet ta' proprjetà intelletwali, u l-finanzjament ta' l-innovazzjoni għal SMEs innovattivi ħafna. L-industriji jserrħu wkoll fuq l-adattament u t-tiġdid kontinwu ta' regolamenti biex ilaħħqu mal-progress teknoloġiku, filwaqt li jassiguraw is-saħħa u s-sigurtà. Il-konverġenza regolatorja internazzjonali hija wkoll għalhekk kwistjoni għal ħafna setturi. Sfidi prinċipali li huma speċifiċi għas-settur jinkludu l-bżonn li jsir aktar progress fil-ħolqien ta' suq wieħed kompletament kompetittiv għall-prodotti farmaċewtiċi, u kwistjonijiet ambjentali u dwar l-aċċess għas-suq marbuta ma' l-industriji ta' l-ikel u x-xorb, il-farmaċewtiċi, u l-kosmetiċi.

L-Industriji tal-makkinarju u tas-sistemi

L-industriji tal-makkinarju u tas-sistemi (eż. ICT, inġinerija mekkanika eċċ.) jgħoddu għal madwar wieħed minn kull tlieta tal-prodott b'valur miżjud tal-manifattura fl-UE u huma kkaratterizzati minn rati ta' tkabbir ta' l-infiq fl-R&D medji sa għoljin. L-isfidi għal dawn is-setturi, għalhekk, għandhom x'jaqsmu l-aktar ma' l-innovazzjoni, il-proprjetà intelletwali, u l-assigurazzjoni tad-disponibbiltà ta' ħaddiema bl-aqwa ħiliet. Is-Suq Wieħed, għal ħafna minn dawn l-industriji, jiddependi fuq livelli tekniċi li għandhom bżonn ikunu riveduti kontinwament. Aċċess aħjar għas-swieq internazzjonali huwa wkoll essenzjali għal xi industriji, l-aktar l-ICT, l-inġinerija elettrika u mekkanika u l-vetturi b'mutur. L-industriji tat-trasport ukoll jaffaċċjaw numru ta' sfidi ambjentali, speċjalment il-bżonn li jtejbu kontinwament ir-rendiment ambjentali tal-vetturi, l-ajruplani u vl-apuri tagħhom.

L-Industriji tal-moda u d-disinn

L-industriji tal-moda u d-disinn (eż. tessuti u żraben) jammontaw biss għal 8% tal-prodott b'valur miżjud tal-manifattura, iżda esperjenzaw tkabbir ta' prodott baxx jew negattiv u infiq relattivament baxx fl-R&D fl-aħħar snin. Titjib strutturali ta' suċċess huwa l-isfida prinċipali

¹¹ It-tabella tindika bi slaleb, il-każi li fihom sfida politika hija meqjusa ta' prijorità għolja għal kull settur fost l-isfidi ta' politika l-aktar relevanti. Għalhekk, in-nuqqas ta' salib mhux bilfors ifisser li l-isfida mhijiex importanti għal settur, iżda li mhijiex ikkunsidrata bħala kwistjoni ta' l-ogħla prijorità. Aktar dettalji fuq dawn u kwistjonijiet oħra jingħataw fid-Dokumenti ta' Ħidma għall-Istaff.

¹² Ara t-tabella fl-Anness 1 għal ħarsa ġenerali lejn il-klassifika. Klassifika simili ħafna, iżda mhux identika, kienet intużat fil-"Memorandum Industrijali: Qalb għall-Industrija" tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi Olandiż (Ottubru 2004). Il-klassifikazzjoni kienet ibbażata fuq sfidi komuni tal-industrija u similaritajiet f'karatteristiċi bħal prodotti, proċessi, eċċ.

għal dawn l-industriji. Titjib fl-innovazzjoni, il-ħarsien ta' l-IPR, u l-ħiliet huwa essenzjali biex ikunu jistgħu jkomplu jtejbju l-kwalità u d-diversità tal-prodott tagħhom. Li jiksbu aċċess aħjar għas-swieq tad-dinja li bħalissa huma protetti ħafna huwa wkoll ħtieġa ta' politika prinċipali għal dawn l-industriji.

L-Industriji bażiċi u intermedjarji

L-industriji bażiċi u intermedjarji (eż. kimiċi, azzar, u polpa u karti) jammontaw għal 40 fil-mija tal-valur miżjud tal-manifattura fl-UE. Bħala dawk li jipprovdu dħul prinċipali għal kumplament ta' l-industrija ta' l-UE, dawn l-industriji jistgħu jkunu sors importanti ta' innovazzjoni għal setturi oħra. Ir-rati ta' tkabbir f'dan is-settur kienu minn medji sa għoljin, bl-eċċezzjoni ta' l-industriji tal-kimiċi u tal-lastku li huma b'saħħithom. Dawn l-industriji prinċipalment jużaw ħafna enerġija u għalhekk l-isfidi ta' dan is-settur għandhom x'jaqsmu ma' l-enerġija u l-ambjent. Sfidi importanti speċifiċi għas-settur jinkludu l-leġiżlazzjoni tar-REACH għall-industrija tal-kimika u kwistjonijiet ta' simpifikar leġiżlattiv għas-settur tal-konstruzzjoni. L-aġġustament strutturali huwa kwistjoni importanti għall-industriji taċ-ċeramika, ta' l-istampar u ta' l-azzar.

4. LEJN PJAN PRELIMINARI TA' ĦIDMA GĦALL-POLITIKA INDUSTRIJALI

Il-pjan preliminari tal-ħidma f'din is-sezzjoni jinvolve strateġija ġdida għall-politika industrijali, mmirata lejn il-kisba ta' politika iddisinjata b'mod aħjar li hija aktar relevanti, integrata u konsenswali. Din l-istrateġija, li tibda mill-analiżi ta' politika orizzontali f'termini ta' implikazzjonijiet konkreti għal setturi industrijali speċifiċi, tippermetti li jkunu identifikati dawk l-oqsma ta' politika li huma l-aktar relevanti għal kull settur. Billi torbot flimkien taħt inizjattiva waħda, numru ta' dimensjonijiet politiċi ta' relevanza prinċipali għall-industrija, se tipprovi iktar koeżjoni u integrazzjoni bejn l-oqsma differenti ta' politika b'effett akbar fuq il-kompetittività. Fl-aħħarnett, tipprova tikseb konsensus akbar dwar il-politika, permezz ta' l-involvement fi stadju avanzat fit-tfassil ta' politika tal-partijiet involuti ewlenin u l-Istati Membri. L-imsieħba soċjali Ewropej huma mistiedna li jikkontribwixxu għal dan ix-xogħol, kemm flivell orizzontali u kemm f'dak settorjali.

Il-pjan preliminari tax-xogħol f'din is-sezzjoni jiffoka fuq serje ta' inizjattivi speċifikament ġodda li jinkuraġixxu l-kompetittività ta' setturi differenti. Għalhekk, mhijiex eżawrjenti. Taħt il-Programm Komunitarju l-ġdid ta' Liżbona, diġà tniedu fost id-dominji varji ta' politika, numru ta' azzjonijiet u inizjattivi ta' politika oħra b'impatt fuq l-industrija in ġenerali u fuq is-setturi.

4.1. L-Inizjattivi ta' politika intersettorjali

Seba' inizjattivi prinċipali ta' **politika intersettorjali** huma mħabbra f'din il-Kommunikazzjoni sabiex jindirizzaw l-isfidi komuni fi gruppi ta' industriji differenti u sabiex isaħħu s-sinerġiji bejn żoni ta' politika differenti skond il-konsiderazzjonijiet ta' kompetittività.

L-Inizjattiva ta' Drittijiet dwar il-Proprietà Intellettuali u l-Falsifikazzjoni (2006)

Id-drittijiet tal-proprietà intellettuali (IPR) huma ċentrali għall-kompetittività ta' ħafna setturi industrijali. Waqt li żoni prinċipali kienu diġà armonizzati, jista' jsir aktar biex ikun assigurat li l-qafas regolatorju huwa skond il-bżonnijiet ta' l-industrija fi żmien ta' żvilupp teknoloġiku

mgħaġġel u ta' tibdil fis-soċjetà. Il-kumpaniji u l-klijenti tagħhom għandhom bżonn ta' IPR li jstimula l-innovazzjoni, li jipprovdi kuntest stabbli li fih jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet ta' investment, u li jinkuraġixxi l-iżvilupp ta' mudelli ġodda u effiċjenti ta' negozju. Id-dibattitu maħluq mid-direttiva proposta dwar il-*patentability* ta' invenzjonijiet implimentati mill-kompjuter urew li l-iżvilupp ta' regoli ta' IPR li jibbilanċjaw il-bżonnijiet ta' dawk kollha involuti, bl-ebda mod m'huwa faċli. Il-Kummissjoni għalhekk, fl-2006, se tnedi djalogu ma' l-industrija u ma' partijiet oħra interessati biex tiddetermina x'jista' jsir aħjar biex jipprovdu lill-industrija Ewropea b'qafas sod ta' IPR. Barra dan, l-infurzar ta' l-IPR fi ħdan is-suq intern u f'pajjiżi terzi huwa ta' importanza kbira biex ikunu miġġielda l-falsifikar u l-piraterija li jseħħu f'ħafna setturi. Ksur ta' IPR jistgħu jipperikolaw negozji leġittimi, jheddu l-innovazzjoni u kultant ikunu ta' problema għas-saħħa u s-sikurezza pubblika. Ħafna kumpaniji, speċjalment SMEs, għadhom mhumiex konxji mid-drittijiet tagħhom li jiksbu protezzjoni xierqa ta' IP waqt li l-falsifikazzjoni tibqa' problema prinċipali f'ħafna oqsma tan-negozju. Il-Kummissjoni, waqt li tikkonsidra strumenti u miżuri eżistenti u ipplanati kontra l-falsifikazzjoni u kontra l-piraterija, inklużi dawk fl-oqsma ta' l-infurzar¹³ u tad-dwana, se tirrevedi l-qagħda tal-progress fil-qasam kollu ta' IPR, b'attenzjoni partikolari lil kwistjonijiet ta' kompetittività u tressaq suġġerimenti dwar kif is-sitwazzjoni tista' tittejjeb fl-2006.

Il-Grupp ta' Livell Għoli għall-Kompetittività, l-Enerġija u l-Ambjent (fl-aħħar ta' l-2005)

Il-politika tal-kompetittività, dik ta' l-enerġija u dik ta' l-ambjent huma relatati ma' xulxin mill-qrib u l-impatt tagħhom huwa ta' importanza sinifikanti, speċjalment għal ħafna mill-industriji ta' prodotti bażiċi u intermedji. Minħabba l-bżonn għal konsistenza f'inizjattivi politiċi u leġiżlattivi f'dawn l-oqsma, u biex jisfruttaw bis-sħiħ is-sinerġiji ta' bejniethom, hemm bżonn ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib u ta' żvilupp ta' strateġija integrata. Għal din ir-raġuni, se jitwaqqaf Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività, l-Enerġija u l-Ambjent. Se jiffunzjona b'ħala pjattaforma konsultatattiva li tgħaqqad flimkien lill-Membri tal-Kummissjoni għall-Intrapriża u l-Industrija, il-Kompetizzjoni, l-Enerġija u l-Ambjent kif ukoll dawk kollha involuti. Huwa maħsub biex jeżamina r-rabtiet bejn il-leġiżlazzjoni industrijali, ta' l-enerġija u dik ambjentali u jassigura l-koerenza ta' inizjattivi individwali, waqt li jtejjeb kemm is-sostenibbiltà kif ukoll il-kompetittività. Dan jinkiseb permezz tal-parteċipazzjoni bbilanċjata ta' dawk kollha involuti bil-għan li jinħoloq qafas regolatorju stabbli u prevedibbli fejn il-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent jimxu id f'id. Il-kwistjonijiet li jistgħu jiġu indirizzati jinkludu: (i) l-implimentazzjoni konkreta ta' prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar; il-bidla fil-klima, speċjalment l-iskema ta' skambji ta' kwoti ta' emissjonijiet u l-inizjattivi li jippromwovu l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-għejjun rinnovabbli; (iii) it-tħaddim ta' swieq ta' enerġija, speċjalment is-suq ta' l-elettriku. (iv) l-implimentazzjoni ta' strateġija tematika għall-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart, u l-leġiżlazzjoni relatata; (v) it-titjib ta' effiċjenza tar-riżorsi u l-adozzjoni ta' teknoloġiji ambjentali u teknoloġiji oħrajn.

L-Aspetti esterni tal-Kompetittività u ta' l-Aċċess għas-Suq (Rebbiegħa 2006)

L-aċċess għas-swieq internazzjonali huwa kwistjoni ta' prijorità għal ħafna mis-setturi. Il-Kummissjoni b'ħalissa qed taħdem fuq Kommunikazzjoni possibbli dwar ir-reviżjoni ta' Strateġija ta' Aċċess għas-Suq, li tirrevedi l-istrateġija li hemm b'ħalissa u l-istrumenti biex

¹³ Inklużi l-proposti tal-Kummissjoni għal direttiva dwar "Dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali ta' l-UE biex ikun miġġield il-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali", Lulju 2005.

jiffokaw fuq dawk is-setturi u s-swieq bl-akbar benefiċċji potenzjali għall-kompetittività. Il-miri ta' aċċess għas-suq ta' spiss se jingħataw prijorità flimkien ma' użu aktar effettiv tar-Regolament dwar ix-Xkiel għall-Kummerċ. F'kooperazzjoni ma' dawk kollha involuti, se tkun żviluppata u implimentata strateġija dettaljata li tindirizza xkiel fis-setturi u fil-pajjiżi magħżula. Pjan speċifiku ta' aċċess għas-suq kien diġà introdott għat-tessuti, u kien estiż biex ikopri l-prodotti tal-ġilda u ta' żraben. Il-Kummissjoni għandha wkoll l-intenzjoni li tnedi proċess wiesa' ta' riflessjoni u dibattitu dwar l-aspetti esterni tal-kompetittività ta' l-UE permezz ta' Kommunikazzjoni oħra li titratta, fost oħrajn, kwistjonijiet ta' kummerċ relatati mad-Drittijiet ta' Proprjetà Intelletwali, kwistjonijiet regolatorji, l-investment u x-xiri tal-gvernijiet, partikolarment il-possibiltà ta' "Strument ta' Xiri Estern" biex joħloq inċentivi għal pajjiżi terzi li jinnegozjaw il-ftuħ tas-swieq tax-xiri pubbliku tagħhom fuq bażi reċiproku.

Il-Programm Leġiżlattiv Ġdid ta' Simplifikar (Ottubru 2005)

Ir-regolamentazzjoni aħjar f'livelli varji kienet identifikata bħala sfida ewlenija għal diversi setturi, li jinkludu l-kostruzzjoni, il-vetturi bil-mutur, l-industriji ta' l-ICT, u l-industriji ta' l-ikel u tax-xjenzi tal-ħajja. Barra dan, ir-regolamenti ta' l-iskart kienu identifikati bħala importanti għal serje wiesgħa ta' setturi differenti, u b'mod partikolari għall-SMEs. Il-Kummissjoni diġà ħabbret¹⁴ li għandha l-ħsieb li tnedi mill-ġdid ix-xogħol tagħha fuq is-simplifikar tal-leġiżlazzjoni eżistenti. Wara konsultazzjoni ma' dawk kollha involuti, f'Ottubru se tkun ippublikata Kommunikazzjoni li tistabilixxi **programm ta' ħidma għas-Simplifikar** li se jkun jinkludi t-tliet prijoritajiet li kienu diġà identifikati għal din l-istrateġija: is-settur automobilistiku, is-settur ta' kostruzzjoni, u l-leġiżlazzjoni ta' l-iskart. Fil-fatt, il-Grupp ta' Livell Għoli CARS21 beda l-analiżi tal-leġiżlazzjoni eżistenti bl-għan li dan il-proċess ikun komplut sa l-aħħar tal-2005.

It-titjib ta' Ħiliet Settorjali (2006)

In-nuqqas ta' ħiliet kien identifikat bħala sfida prinċipali f'firxa wiesgħa ta' industriji differenti, li jinkludu l-ICT u industriji ta' l-iġinerija, l-industriji tat-tessuti u l-ġilda, u numru ta' industriji ta' prodotti bażiċi u intermedji. Barra dan hemm xi evidenza li f'xi każi t-trasferiment ta' l-attività industrijali hija, f'xi każi, immotivata iktar minn nuqqasijiet ta' ħiliet milli minn fatturi ta' flus. Il-Kummissjoni diġà bdiet tindirizza kwistjonijiet ta' nuqqas ta' ħiliet permezz ta' għadd ta' inizjattivi ta' politika bħall-programm ta' ħidma għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010, li jinkludi l-Qafas Ewropej għall-Kwalifiki (EQF) li se jservu bħala referenza komuni għal sistemi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ, u jiffaċilita t-trasparenza, ċ-ċaqliq u l-għarfien tal-kwalifiki b'referenza speċjali għal-livell settorjali¹⁵. Biex tissupplixxi dawn l-inizjattivi eżistenti, ipproponiet li tagħmel evalwazzjonijiet tan-natura tal-problemi ta' ħiliet f'industriji partikolari. Dawn l-evalwazzjonijiet ikunu jinkludu **l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet settorjali li hemm bżonn bħalissa u nuqqasijiet ta' ħiliet** u jeżaminaw żviluppi li jista' jkun hemm fil-kompetenzi speċifiċi għas-setturi, u fejn ikun possibbli jinkludu l-effetti fuq l-SMEs. Waqt li tibni fuq ix-xogħol li għaddej bħalissa mis-Cedefop, din il-baży ta' informazzjoni se tkun tippermetti l-artikolazzjoni ta' inizjattivi ta' politika futuri speċifiċi fid-dawl tal-ħtiġijiet settorjali ta' kompetittività.

L-Immaniġġjar ta' Tibdil Strutturali fil-Manifattura (L-aħħar tal-2005)

¹⁴ Fil-Kommunikazzjoni dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar għat-Tkabbir u l-Impjiegi

¹⁵ "Programm ta' Ħidma dwar l-Għanijiet ta' Sistemi ta' Edukazzjoni u Taħriġ" adottat mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fl-14 ta' Frar 2002; ara wkoll il-"Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ħiliet u l-Mobbiltà" COM(2002) 72.

Is-settur privat għandu r-responsabilità primarja li jwettaq aġġustament strutturali. Madankollu, l-UE għandha lievi utli għad-dispożizzjoni tagħha biex jantiċipaw u jakkumpanjaw il-bidla, kif rikonoxxut fil-Kommunikazzjoni riċenti dwar l-effetti tar-ristrutturar fuq l-impjiegi¹⁶. Huwa essenzjali li l-inizjattivi industrijali fil-livell ta' l-UE jkunu integrati bis-sħiħ ma' l-użu tal-Fondi Strutturali u l-istrumenti ta' politika ta' l-Istati Membri individwali. Il-proċess ta' analiżi identifika l-industriji li ġejjin li għalihom l-aġġustament strutturali potenzjali huwa importanti: it-tessuti, il-ġilda, l-għamara, iż-żraben, u l-industriji taċ-ċeramika, u l-industriji ta' l-istampar, tal-vetturi bil-mutur, tax-*shipbuilding*, ta' l-azzar u partijiet mill-industriji ta' ikel. Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tassigura li antiċipazzjoni aħjar u immaniġġjar pożittiv għar-ristrutturar ekonomiku jkunu inklużi fil-programmi l-ġodda tal-Fondi Strutturali. Skond il-Linji ta' Gwida Strateġiċi tal-Komunità għall-Koeżjoni, 2007-2013, kien identifikat appoġġ għal programmi immirati lejn il-modernizzazzjoni ta' swieq ta' impjiegi u ta' l-antiċipazzjoni ta' bdil gradwali fl-Unjoni f'setturi li għalihom it-tibdil strutturali kien identifikat bħala kwistjoni li għandha bżonn tkun inkluża fil-programmi ta' Fondi Strutturali ġodda, flimkien ma' miżuri attivi biex isaħħu s-sitwazzjoni ekonomika tar-reġjuni¹⁷. Il-Kummissjoni se tkompli tesplora l-kwistjoni tat-titjib tal-kooperazzjoni fir-reġjuni li għandhom problemi u sfidi simili.

L-Istrateġija Ewropea Integrata għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Industrijali (2005)

Il-Kommunikazzjoni li jmiss dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni¹⁸ se twaqqaf strateġija ġdida integrata għall-politika u l-azzjonijiet bħala appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni li tinkludi numru ta' inizjattivi rilevanti ħafna għas-setturi industrijali. Il-Kommunikazzjoni riċenti dwar l-Għajnuniet Statali għall-Innovazzjoni tipproponi wkoll li jkun iffaċilitat l-għoti ta' għajnuniet statali li jindirizza l-fallimenti tas-suq li jfixklu l-innovazzjoni. Bħala parti mill-azzjonijiet ta' segwitu għall-Kommunikazzjoni dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp, se tkun stabilita Sistema Ewropea ta' Monitoraġġ tar-Riċerka u ta' l-Innovazzjoni Industrijali fl-2006 biex tipprovdi stampa ġenerali u analiżi konsolidata ta' l-iżviluppi rilevanti għar-riċerka u l-innovazzjoni industrijali, u kondjuwit għal veduti ta' dawk kollha involuti. Din tassigura disponibbiltà ta' dejta u intelliġenza rilevanti għall-industrija u l-politika, u tgħin biex ikunu antiċipati kemm ix-xkiel kif ukoll l-oportunitajiet biex jitjeb l-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġiji ġodda fl-Ewropa. Se jitwaqqaf Grupp ta' Livell Għoli għall-Partijiet Interessati, li jinkludi rappreżentanti ta' dawk li jfasslu l-politika, biex jipprovdi gwida u reazzjoni dwar il-punt fokali u r-relevanza ta' din l-attività għall-kompetittività.

Il-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropew¹⁹, li diġà wrew li huma proċess volontarju importanti, li jibda mill-qiegħ 'il fuq għat-tfassil ta' strateġiji industrijali u ta' politika f'oqsma prinċipali tat-teknoloġija definiti tajjeb permezz ta' l-aġendi strateġiċi ta' riċerka', se jikkontribwixxu għaż-żieda fl-investment industrijali fir-riċerka u fl-innovazzjoni u fil-kapaċità tal-Ewropa li tikkomerċjalizza teknoloġiji ġodda.

¹⁶ “Kommunikazzjoni fuq ir-Ristrutturar u l-Impjiegi” COM(2005) 120.

¹⁷ “Il-Politika ta' Koeżjoni bħala Sostenn għat-Tkabbir u l-Impjiegi: Il-Linji ta' Gwida Strateġiċi tal-Komunità, 2007-2013” COM(2005) 299, il-5 ta' Lulju 2005.

¹⁸ “Aktar Riċerka u Innovazzjoni: Investment għat-Tkabbir u l-Impjiegi: Strateġija Komuni” COM(2005) għada ġejja.

¹⁹ Rapport lill-Kunsill Ewropew dwar il-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej u Inizjattivi Konġunti ta' Teknoloġija: Inkuraġġiment ta' Sħubija ta' R&D bejn il-Pubbiku u Privat biex titjeb il-kompetittività industrijali Ewropea SEC(2005)800 ta' 1-10 ta' Ġunju 2005

4.2. L-Inizjattivi speċifiċi skond is-settur

Minbarra l-inizjattivi intersettorjali, ġew identifikati għadd ta' **inizjattivi politiċi ġodda u speċifiċi skond is-settur** ibbażati fuq in-natura tagħhom jew fuq l-importanza partikolari. Dawn l-inizjattivi jieħdu varjetà ta' forom differenti. Xi wħud minnhom jinvolve gruppi ġodda ta' livell għoli jew fora ta' politika, bi tkompli ta' l-eżempji ta' suċċess tal-G10 Medicines, LeaderSHIP 2015, u l-CARS21 li se jkomplu jagħtu kontribut importanti fil-futur. Kull meta tkun proposta inizjattiva settorjali għda, se tingħata attenzjoni sħiħa biex jassiguraw il-koerenza tagħha ma' inizjattivi oħra, partikolarment mal-pjattaformi teknoloġiċi li kienu proposti riċentement, il-bordijiet settorjal ta' innovazzjoni u ma' inizjattivi ta' networking taħt l-inizjattiva Ewropea INNOVA u l-inizjattiva i2010 dwar Soċjetà ta' l-Infommazzjoni Ewropea għat-Tkabbir u l-Impjiegi. Lista sħiħa ta' inizjattivi ġodda u eżistenti kemm dawk intersettorjali u kemm dawk li huma speċifiċi għas-settur individwali hija miġbura fil-qosor f'Anness 2. Dawn jinkludu azzjonijiet politiċi, regolatorji, jew tekniċi, skond in-natura tal-kwistjoni.

L-inizjattivi l-ġodda li l-Kummissjoni se tressaq huma:

- Id-Diskussjoni dwar il-Farmaċewtiċi (l-ewwel laqgħa fl-2006)

L-istrateġija tal-farmaċewtiċi se tkun sorveljata minn Forum Farmaċewtiku annwali li jikkonsisti minn Stati Membri (f'livell Ministerjali), rappreżentanti għolja ta' l-industrija u ta' partijiet oħra interessati ewlenin bħal pazjenti u professjonisti tas-saħħa. Waqt li jindirizza l-frammentazzjoni tas-suq farmaċewtiku Ewropew, ix-xogħol se jiffoka fuq kwistjonijiet ta' R&D u affarjiet regolatorji fil-livell ta' l-Istati Membri, bħal kwistjonijiet kruċjali relatati mal-prezz u l-effettività relattiva.

- L-Analiżi ta' Nofs it-Terminu ta' l-Istrateġija dwar ix-Xjenzi tal-Ħajja u l-Bijoteknoloġika (2006-2007)

L-istrateġija dwar ix-xjenzi tal-ħajja u l-bijoteknoloġika se tgħaddi minn reviżjoni ta' nofs il-mandat fl-2006-2007. Dan se jinvolve kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' l-industrija permezz tal-Grupp Konsultattiv għall-Kompetittività fil-Bijoteknoloġija u fi djalogu regolari triangolari annwali ma' l-industrija u l-Istati Membri sabiex jgħinu fl-identifikazzjoni ta' problemi, jipproponu prijoritajiet u jagħmlu rakkomandazzjonijiet għall-azzjoni.

- Il-Gruppi Ġodda ta' Livell Għoli fl-Industrija tal-Kimiċi (2007) u fl-Industrija tad-Difiża

Wara l-adozzjoni mistennija ta' REACH fl-2007, il-qafas regolatorju tal-kimiċi l-għdid, huwa propost li jitwaqqaf Grupp ta' Livell Għoli biex jeżamina kif il-kompetittività ta' l-industrija tal-kimiċi tista' titjieb. Grupp ieħor ta' Livell Għoli se jitwaqqaf għall-industriji tad-difiża, biex jeżamina kwistjonijiet bħaċ-ċaqlieq ta' oġġetti tad-difiża, ix-xiri u l-istandardizzazzjoni fil-qasam ta' difiża.

- Il-Programm Spazjali Ewropew

Il-Programm Spazjali Ewropew se jkun il-bażi programmatika komuni, inklussiva u flessibbli għall-attivitajiet ta' l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ispazju, ta' l-UE u ta' l-Istati Membri rispettivi. Qed isir ukoll xogħol fuq Kommunikazzjoni dwar il-Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES) li jgħid kif għandu se ssir il-ħidma lejn servizzi operazzjonali fl-2008.

- *It-Taskforce* dwar il-Kompetittività ta' l-ICT (2005/2006)

Biex ikun żgurat li l-politika pubblika tipprovdi ambjent ta' appoġġ għall-kompetittività tas-settur li dejjem jevolvi ta' l-ICT, se jitwaqqaf Forum ta' Diskussjoni mar-rappreżentati ta' dawk kollha involuti. Waqt li jkompli jżid ma' l-inizjattivi tal-Kummissjoni taħt l-i2010²⁰, se jidentifika l-ostakli prinċipali għall-kompetittività u r-reazzjonijiet possibbli ta' politika, per eżempju f'termini ta' regolamentazzjoni, ħiliet, IPR, u standardizzazzjoni aħjar. Il-Forum ta' Diskussjoni se jippermetti wkoll djalogu strutturat biex jgħin fil-mobilizzazzjoni tas-settur u biex jiġbed l-attenzjoni ta' l-Istati Membri lejn l-ostakli li jfixklu l-kompetittività tal-manifattura ta' l-ICT fl-Ewropa u l-ostakoli għall-adozzjoni wiesgħa u effettiva.

- Id-Djalogu ta' Politika għall-Inġinerija Mekkanika (2005/2006)

Id-djalogu ta' politika għall-inġinerija mekkanika se janalizza l-punti b'saħħithom u dawk debboli fil-futur tas-setturi u jantiċipa kif se jkunu indirizzati d-debolizzi fuq medda itwal ta' żmien.

- Serje ta' studji ta' kompetittività, jinkludu l-industrija ta' l-ICT, ta' l-ikel, kif ukoll tal-modi u tad-disinn.

Dawn l-istudji se janalizzaw it-tendenzi li jaffettwaw il-kompetittività tas-setturi ta' l-industrija b'ħarsa lejn it-tnissil ta' aktar proposti għal politika u azzjonijiet konkreti fejn ikun hemm bżonn.


5. KONKLUŻJONI

Din il-Komunikazzjoni tistabilixxi deskrizzjoni ta' ħidma għall-politika industrijali fl-industrija tal-manifattura għas-snin li ġejjin. Il-Kummissjoni għalhekk se żżomm ma' l-obbligi tagħha fil-Programm ta' Azzjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi biex tikkontribwixxi għal bażi industrijali b'saħħitha. Biex tikseb dan, se tiegħu l-miżuri neċessarji biex ittejjeb il-kundizzjonijiet ta' qafas għall-industrija tal-manifattura u biex tassigura konsistenza fiż-żoni varji ta' politika. L-inizjattivi orizzontali u settorjali msemmija f'din il-Komunikazzjoni huma intenzjonati li jikkomplimentaw ix-xogħol fil-livell ta' l-Istati Membri biex jgħinu jindirizzaw l-isfidi prinċipali li jiltaqgħu magħhom diversi setturi ta' l-industrija tal-manifattura. Din l-istrateġija se jkollha tkun estiża permezz ta' aktar analiżi u proposti għal politika u azzjonijiet konkreti kif ikun hemm bżonn. Verifika ta' nofs il-mandat tad-deskrizzjoni ta' ħidma se ssir f'Komunikazzjoni ppjanata għall-2007 li se tirraporta dwar il-progress fil-programm ta' ħidma ppreżentat hawn fuq u tikkonsidra l-possibilità ta' aktar estensjonijiet għal miri oħra ta' l-ekonomija, bħal per eżempju t-teknoloġiji ambjentali.

²⁰ "i2010 – Soċjetà ta' l-Infommazzjoni Ewropea għat-tkabbir u l-impjiegi" COM(2005) 229, Ġunju 2005.

Annex 1

Industrija	GĦARFIEN				REGOLAMENTAZZJONI AIJAR				AMBJENT & ENERĠĠJA ²⁾					KUMMERĊ				ACĠUSTAMENT STRUTTURALI	SPECIFITAJIET SETTORJALI	AZZJONIET SETTORJALI ⁴⁾
	Riċerka u żvilupp/Innovazzjoni	Drittijiet tal-Proprietà Intellektwali (IPR), Falsifikazzjoni	Ħiliet	Access għal finanzi mill-SMEs	Piż ammin./Regolamentazzjoni tal-kumplessità settorjali	Suq Intern	Sabha u Sigurtà	Standards Tekniċi	Bidla fil-Klima ¹⁾	Skart	Ilma	Arja	Użu intensiv ta' l-enerġija	Access għas-swieq	Access għal materja prima	Sussidji għal distorzzjoni et tal-kummerċ / dumping	Kwistjonijiet regolatorji			
Industrija ta' l-Ikel u Xjenza tal-Ħajja	Ikel, xorb & tabakk	X			X				X	X			X	X			X			
	Kosmetiċi	X				X	X						X			X				
	Farmaċewtiċi	X	X	X	X	X	X						X			X				Forum Farmaċewtiku
	Bijoteknoloġija	X	X		X	X													X ⁵⁾	Reviżjoni ta' nofs il-mandat ta' l-Istrateġija "Xjenza tal-ħajja u l-bjoteknologija"
	Tagħmir mediku	X			X	X	X									X				
Industrija tal-maġn u sistemi	ICT ³⁾	X	X	X	X		X		X				X			X				Taskforce dwar il-Kompetitivita' ta' l-ICT
	Inġinerija mekkanika	X	X	X	X		X ¹⁰⁾						X							Djalogu għall-inġinerija mekkanika
	Inġinerija elettronika	X	X	X	X		X ¹⁰⁾						X						X ⁶⁾	
	Veturi bil-mutur	X	X	X		X	X		X	X			X			X				CARS 21 HLG
	Aerospazju	X													X					Programm Ewropew ta' l-Spazju /GMES
	Industrija tad-difiża	X					X													HLG Defence
	Shipbuilding	X	X	X												X			X ⁷⁾	HLG LeadersHIP 2015
Industrija tal-Moda u Disinn	Tessuti	X	X	X						X			X							X
	Ġilda u prodotti tal-ġilda	X	X	X						X	X		X	X						X
	Żraben	X	X	X									X							X
	Għamara	X	X	X									X							X
Industrija tal-Prodotti Bazzi u Intermedji	Industrija ta' l-estrazzjoni mhux ta' l-enerġija	X		X					X	X										X ⁸⁾
	Metalli li ma fihomx ħadid							X	X		X	X		X						
	Siment and ġir							X	X		X	X								
	Ċeramika		X					X	X	X	X	X	X		X					X
	Ħġieġ		X					X	X	X	X	X	X							
	Injam u prodotti ta' l-injam	X		X			X	X	X				X	X						
	Polpa, karti u prodotti tal-karti	X						X	X	X				X	X					
	Stampar u pubblikar	X		X					X	X	X									X
	Azzar	X		X				X	X	X	X	X		X	X					X
	Kimiċi, lasktu, u plastik	X						X	X	X	X	X			X					X ⁹⁾
Kostruzzjoni	X		X		X	X	X		X											



It-Tabella tindika bi sleab, il-każi li fihom sfida politika hija meqjusa bħala ta' l-ogħla prijorità għal kull settur forst il-ħafna sfidi relevanti ta' politika. Għalhekk in-nuqas ta' salib mhux bilfo

ANNEX II

SETTUR	Azzjonijiet Settorjali	Azzjonijiet Orizzontali
Tessuti & Ħwejjeġ	Grupp ta' Livell Għoli (HLG) ta' Segwitu Pjattaforma ta' Riċerka Ew ropea għat-Tessuti <i>Panel</i> ta' Innovazzjoni għat-Tessuti Studju dwar il-kompetittività, is-sitwazzjoni ekonomika, u l-lok tal-produzzjoni fl-industrija tat-tessuti u l-hw eġjeġ, taż-żraben, tal-ġilda, u ta' l-għamara	<i>IPR u falsifikar</i> <i>Ħiliet</i> <i>Aċċess għas-Suq</i> <i>Ristrutturar</i>
Ġilda u prodotti tal-ġilda	Diskussjonijiet ma' msieħba soċjali dw ar l-aġġustament strutturali Tnaqqis/tneħħija ta' barrieri għan-negożju għall-aċċess ta' materja prima Studju fuq il-kompetittività, is-sitwazzjoni ekonomika, u l-lok tal-produzzjoni ta' industrija tat-tessuti u l-hw eġjeġ, taż-żraben, tal-ġilda, u ta' l-għamara	<i>IPR u falsifikar</i> <i>Ħiliet</i> <i>Aċċess għas-Suq</i> <i>Ristrutturar</i>
Żraben	Diskussjonijiet ma' msieħba soċjali dw ar aġġustament strutturali Studju fuq il-kompetittività, is-sitwazzjoni ekonomika, u l-lok tal-produzzjoni ta' industrija tat-tessuti u l-hw eġjeġ, taż-żraben, tal-ġilda, u ta' l-għamara	<i>IPR u falsifikar</i> <i>Ħiliet</i> <i>Aċċess għas-Suq</i> <i>Ristrutturar</i>
Għamara	Diskussjonijiet ma' msieħba soċjali dw ar aġġustament strutturali Pjattaforma għal Riċerka Ew ropea dw ar il-prodotti tal-foresti Studju fuq il-kompetittività, is-sitwazzjoni ekonomika, u l-lok tal-produzzjoni ta' industrija tat-tessuti u l-hw eġjeġ, taż-żraben, tal-ġilda, u ta' l-għamara	<i>IPR u falsifikar</i> <i>Ħiliet</i> <i>Aċċess għas-Suq</i> <i>Ristrutturar</i>
Shipbuilding	HLG LeaderSHIP 2015 Pjattaforma għal Riċerka Ew ropea dw ar ix-Shipbuilding (fuq l-ilma) Diskussjonijiet dw ar l-aċċess għall-finanzi (fil-Kummissjoni u ma' l-EIB) Negożjar fi ħdan l-OECD/negożjar bilaterali possibbli maċ-Ċina	<i>IPR u falsifikar</i> <i>Ristrutturar</i>
Industrija ta' Difiża	<i>Grupp ta' Livell Għoli</i> Suq Intern: miżuri dw ar transferimenti, ksib u standardizzazzjoni Immappjar ta' industrija marbuta mad-difiża	
Aerospazju	<i>Programm Ewropew għall-Ispazju</i> L-inizjattiva Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u Sigurtà (GMES) bħala l-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-Programm Ewropew ta' l- Pjattaforma ta' Riċerka Ew ropea u l-inizjattiva monitoraġġ u ar l-ambjent u, traffiku bl-ajru u immaniġġjar tal-traffiku tal-ajru Inizjattiva Teknoloġika Potenzjali Konġunta "GMES" Segwitu tat-tliema Boeing-Airbus WTO	
Inġinerija Mekkanika	<i>Djalogu dwar l-inġinerija mekkanika</i> Studju/Analiżi dw ar il-kompetittività (EU-10, inkluża l-inġinerija elettronika) Pjattaforma ta' riċerka Ew ropea dw ar il-materjali avvanzati tal-inġinerija Pjattaforma Ew ropea tat-Teknoloġija tal-Manifattura	<i>IPR u falsifikar</i> <i>Ħiliet</i> <i>Aċċess għas-Suq</i>
Inġinerija Elettronika	Studju/Analiżi tal-kompetittività (EU-10)	<i>IPR u falsifikar</i> <i>Ħiliet</i> <i>Aċċess għas-Suq</i>
Industrija ta' l-estrazzjoni mhux ta' l-enerġija	Analiżi profonda tal-kompetittività tas-settur/ Evalwazzjoni esterna tal-Kommunikazzjoni fuq il-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli fl-industrija ta' l-estrazzjoni mhux ta' l-enerġija Pjattaforma ta' Riċerka Ew ropea dw ar Riżorsi Minerali Sostenibbli	<i>Grupp ta' livell għoli dwar il-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent</i> <i>Ħiliet</i>
Azzar	Kommunikazzjoni dw ar l-impatt ta' materja prima u l-provvista ta' l-enerġija fuq il-kompetittività ta' l-industrija Ew ropea tal-metall Pjattaforma ta' Riċerka Ew ropea dw ar l-azzar (ESTEP) Tneħħija ta' ostakli għall-aċċess ta' materja prima	<i>Grupp ta' livell għoli dwar il-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent</i> <i>Ħiliet</i>
Metalli bla hađid	Kommunikazzjoni dw ar l-impatt ta' materja prima u l-provvista ta' l-enerġija fuq il-kompetittività tal-industrija Ew ropea tal-metall Tneħħija ta' ostakli għall-aċċess ta' materja prima	<i>Grupp ta' livell għoli dwar il-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent</i> <i>Ħiliet</i>
Siment u ġir	Analiżi tal-Kompetittività	<i>Grupp ta' livell għoli dwar il-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent</i>
Ċeramika	Kontinwazzjoni tal-grupp ta' ħidma li twaqqaf fl-2004 dw ar il-futur tal-industrija tal-ħġieġ u ċ-ċeramika. Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff dw ar il-kompetittività	<i>Grupp ta' livell għoli dwar il-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent</i> <i>Aċċess għas-Suq</i> <i>IPR u falsifikar</i>

SETTUR	Azzjonijiet Settorjali	Azzjonijiet Orizzontali
Kimiċi u Lastku	HLG fuq il-kompetittività tas-settur tal-kimiċi Pjattaforma ta' Riċerka Ew ropea dw ar il-Kimika Sostenibbli	Grupp ta' livell għoli dwar il-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent
Ħġieġ	Dokument ta' 'Ħidma ta' l-istaff dw ar il-kompetittività Kontinw azzjoni tal-grupp ta' 'ħidma li tw aqqaf fl-2004 dw ar il-futur tal-industrija tal-ħġieġ u ċ-ċeramika.	Grupp ta' livell għoli dwar il-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent Aċċess għas-Suq IPR u ffalsifikar
Kostruzzjoni u Prodotti tal-kostruzzjoni	Simplifikar tad-Direttiva tal-Prodotti tal-Kostruzzjoni Pjattaforma ta' riċerka Ew ropea dw ar il-kostruzzjoni Evalw azzjoni tal-kompetittività mal-partijiet prinċipali kkonċernati	Simplifikar tal-leġiżlazzjoni Ħiliet
Injam u Prodotti ta' l-injam	Inizjattiva kontra l-qtugħ ta' siġar illegali (pjan ta' azzjoni EU FLEGT) Pjattaforma ta' riċerka Ew ropea dw ar is-settur tal-foresti Razjonalizzazzjoni ta' l-istandards tekniċi marbuta ma' prodotti ta' l-injam	Grupp ta' livell għoli dwar il-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent Ħiliet
Polpa, karti & prodotti tal-karti	Komunikazzjoni dwar Industrija bbażati fuq il-Foresti It-tneħħija ta' ostakli għall-provvista ta' l-injam f'oqsma varji tal-politika: bijodiversità, bjoenerġija, strateġija ta' forestrija Pjattaforma ta' riċerka Ew ropea dw ar is-settur tal-foresti	Grupp ta' livell għoli dwar il-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent
Stampar u ippubblikar	It-tneħħija ta' studju dw ar <i>delocalisation</i>	Grupp ta' livell għoli dwar il-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent Task Force ta' Ristrutturar Ħiliet
ICT	Taskforce fuq l-ICT Kompetittività Analiżi tal-kompetittività, il-punti b'saħħithom u daw k dgħajfa tas-settur ta' l-ICT Pjattaforma ta' Riċerka Ew ropea u Inizjattiva Teknoloġika potenzjali dw ar in-nanoelettronika Inizjattiva Teknoloġika Potenzjali Konġunta "Nanoteknoloġija" Pjattaforma ta' Riċerka Ew ropea u Inizjattiva Teknoloġika Potenzjali Konġunta dw ar "sistemi <i>embedded tal-kompjuter</i> " Pjattaforma ta' Riċerka Ew ropea dw ar sistemi ta' komunikazzjonijiet <i>wireless</i> Pjattaforma ta' Riċerka Ew ropea dw ar il-mezzi elettroniċi ġodda Panel ta' l-Innovazzjoni fl-ICT Verifika ta' l-istandardizzazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni dw ar l-ICT	Ħiliet
Vetturi	Cars 21 HLG Panel Innovattiv għall-Vetturi Pjattaforma ta' Teknoloġija Ew ropea dw ar it-transport tat-triq Pjattaforma ta' Teknoloġija Ew ropea u Inizjattiva Teknoloġika Konġunta potenzjali "Idroġenu u Ċelloli tal-Fjuw il"	IPR u ffalsifikar Ristrutturar Aċċess għas-Suq
Kosmetiċi	L-implimentazzjoni ta' azzjonijiet tas-seba' emenda (Direttiva 2003/15/KE) ta' Kontinw azzjoni tad-djalogu regolatorju internazzjonali fil-laqgħat dw ar l-Armonizzazzjoni u l-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tal-Kożmetiċi	Aċċess għas-Suq
Farmaċewtiċi	Forum Farmaċewtiku Pjattaforma ta' riċerka Ew ropea u Inizjattiva potenzjali Teknoloġika Konġunta dw ar il-mediċini innovattivi	IPR u ffalsifikar Aċċess għas-Suq
Bijoteknoloġija	Reviżjoni ta' nofs il-mandat dwar l-istrateġija "Xjenzi tal-Fajja u l-bijoteknoloġija - Strateġija għall-Ewropa" li bdiet fl-2002 Analiżi komprensiva tal-benefiċċji f'konfront ma' l-ispejjeż ta' l-effetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-bijoteknoloġija Panel ta' l-Innovazzjoni fil-Bijoteknoloġija Pjattaforma ta' Riċerka Ew ropea dw ar il-Pjanti għall-Futur Pjattaforma ta' Riċerka Ew ropea dw ar il-Kimika Sostenibbli	IPR u ffalsifikar Simplifikar tal-leġiżlazzjoni
Tagħmir mediku	Reviżjoni tad-Direttiva 93/42/KEE dw ar tagħmir mediku Parteċipazzjoni fi ħdan it-Task Force għall-Armonizzazzjoni Globali	
Ikel, xorb u tabakk	It-tneħħija ta' Studju dw ar il-kompetittività fl-industrija tal-ipproċessar ta' l-ikel Pjattaforma ta' Riċerka Ew ropea dw ar l-ikel għall-Fajja Kommunikazzjoni dw ar l-istrateġija tal-kompetittività għall-industrija ta' l-ikel akkumpanjata minn Pjan ta' Azzjoni	Ristrutturar Simplifikar tal-leġiżlazzjoni Aċċess għas-Suq

L-azzjonijiet settorjali jinkludu biss studji u azzjonijiet marbuta direttament ma' l-isfidi identifikati, sakemm mhumiex indirizzati mod ieħor permezz ta' azzjonijiet orizzontali. L-Istrateġija Integrata Ewropea għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Industrijali min-natura tagħha se tapplika għas-setturi kollha b'mod ugwali.